A.L. 242 ta' l-2007

ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 483 ta' l-2004.

Bidu fis-seħħ.

2. Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2007, iżda prodotti li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti iżda li jikkonformaw mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti u Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, jistgħu jibqgħu jinbiegħu sal-31 ta' Diċembru, 2007.

Skop.

3. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/107/KE ta' l-20 ta' Novembru , 2006.

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok ir-regolament 7.4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"7.4 (a) Kull oġġett ta' l-ikel li kien ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti għandu jġib fuqu waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

bil-Malti:

"ittrattat bir-radjazzjoni" jew "ittrattat b'radjazzjoni joniżżanti",

bl-Ingliż:

"irradiated" jew "treated with ionising radiation",

bit-Taljan:

"irradiato" jew "trattato con radiazioni ionizzanti".

(b) Mingħajr preġudizju għall-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament, il-lista provduta fit-Tmien Skeda tispeċifika l-ismijiet li bihom jinbiegħ ikel li kien ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti f'kull lingwa tal-Komunita Ewropea."

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok ir-regolament 11.2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"11.2 (a) Id-data għandha tiġi wara l-kliem:

bil-Malti:

"uża sa",

bl-Ingliż:

"use by",

bit-Taljan:

"da consumare entro".

(b) Ma' dan il-kliem għandu jkun hemm ukoll:

(i) jew id-data nnifisha, jew

(ii) referenza għal fejn id-data tingħata fuq it-tikketta.

(ċ) Wara dawn il-partikolarijiet għandha tingħata deskrizzjoni tal-kondizzjonijiet ta' ħżin li għandhom jiġu osservati.

(d) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament, il-lista provduta fid-Disa' Skeda tispeċifika l-kliem tad-data "uża sa" f'kull lingwa tal-Komunità Ewropea.".

Iżid it-Tmien Skeda mar-regolamenti prinċipali.

6. Dan li ġej għandu jiżdied bħala t-Tmien Skeda minnufih wara s-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamanti prinċipali:-

“ It-Tmien Skeda

Ismijiet li bihom jinbiegħ ikel li kien ittrattat b’radjazzjoni jonizzanti f’kull lingwa tal-Komunita Ewropea:

— bil-Bulgaru:

“облъчено” jew “обработено с йонизиращо лъчение”,

— bl-Ispanjol:

“irradiado” jew “tratado con radiación ionizante”,

— biċ-Ċek:

“ozářeno” jew “ošetřeno ionizujícím zářením”,

— bid-Daniż:

“bestrålet/…” jew “strålekonserveret” jew “behandlet med ioniserende stråling” jew “konserveret med ioniserende stråling”,

— bil-Germaniż:

“bestrahlt” jew “mit ionisierenden Strahlen behandelt”,

— bl-Estonjan:

“kiiritatud” jew “töödeldud ioniseeriva kiirgusega”,

— bil-Grieg:

“επεξεργασμένο με ιονίζουσα ακτινοβολία” jew“ακτινοβολημένο”,

— bl-Ingliż:

“irradiated” jew “treated with ionising radiation”,

— bil-Franciż:

“traité par rayonnements ionisants” jew “traité par ionisation”,

— bit-Taljan:

“irradiato” jew “trattato con radiazioni ionizzanti”;

— bil-Latvjan:

“apstarots” jew “apstrādāts ar jonizējošo starojumu”,

— bil-Litwan:

“apšvitinta” jew “apdorota jonizuojančiąja spinduliuote”,

— bl-Ungeriż:

“sugárkezelt” vagy “ionizáló energiával kezelt”,

— bil-Malti:

“ittrattat bir-radjazzjoni” jew “ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti”,

— bl-Olandiż:

“doorstraald” jew “door bestraling behandeld” jew “met ioniserende stralen behandeld”,

— bil-Pollakk:

“napromieniony” jew “poddany działaniu promieniowania jonizującego”,

— bil-Portugiż:

“irradiado” jew “tratado por irradiação” jew “tratado por radiação ionizante”,

— bir-Rumen:

“iradiate” jew “tratate cu radiații ionizate”,

— bis-Slovakk:

“ošetrené ionizujúcim žiarením”,

— bis-Sloven:

“obsevano” jew “obdelano z ionizirajočim sevanjem”,

— bil-Finlandiż:

“säteilytetty” jew “käsitelty ionisoivalla säteilyllä”,

— bis- Isvediż:

“bestrålad” jew “behandlad med joniserande strålning” ”.

7. Dan li ġej għandu jiżdied bħala d-Disa' Skeda minnufih wara t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamanti prinċipali:- Iżid id-Disa' Skeda mar-regolamenti prinċipali.

"Id-Disa' Skeda

Kliem tad-data "uża sa" f'kull lingwa tal-Komunita Ewropea:

— bil-Bulgaru: "използвай преди",

— bl-Ispanjol: "fecha de caducidad",

— biċ-Ċek: "spotřebujte do",

— bid-Daniż: "sidste anvendelsesdato",

— bil-Germaniż: "verbrauchen bis",

— bl-Estonjan: "kõlblik kuni"

— bil-Grieg: "ανάλωση μέχρι",

— bl-Ingliż: "use by",

— bil-Franciż: "à consommer jusqu'au",

— bit-Taljan: "da co"izlietot līdz",

— bil-Latvjan: "izlietot līdz",

— bil-Litwan: "tinka vartoti iki",

— bl-Ungeriż: "fogyasztható",

— bil-Malti: "uża sa",

— bl-Olandiż: "te gebruiken tot",

— bil-Pollakk: "należy spożyć do",

— bil-Portugiż: "a consumir até",

— bir-Rumen: "expiră la data de",

— bis-Slovakk: "spotrebujte do",

— bis-Sloven: "porabiti do",

— bil-Finlandiż: "viimeinen käyttöajankohta",

— bis-Isvediż: "sista förbrukningsdag".".